



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Diċembru 2021

L-awdituri tal-UE jirrakkomandaw li tiġi stabbilita strateġija Ewropea ġdida għat-turiżmu

L-UE hija l-aktar reġjun li jżuruh nies fid-dinja: fl-2019, madwar 37 % tal-wasliet kollha ta' turisti internazzjonali kellhom l-UE bħala d-destinazzjoni tagħhom. Madankollu, skont rapport speċjali li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-appoġġ mill-UE għat-turiżmu jeħtieġ orjentazzjoni strateġika ġdida. L-awdituri sabu li l-proġetti relatati mat-turiżmu ffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) ipprovdew riżultati mħallta: xi proġetti kienu sostenibbli u kienu kkontribwew għat-trawwim tal-attività tat-turiżmu fir-reġjun; oħrajn kellhom biss impatt limitat. F'bosta każijiet, l-ippjanar ħażin u l-proċeduri ħżiena tal-għażla tal-proġetti kienu wasslu biex il-proġetti jkollhom tnaqqis fl-ambitu, baġit akbar milli pjanat u dewmien.

It-turiżmu huwa settur ekonomiku ewlieni fl-UE: fl-2019, huwa kien jirrappreżenta 9.9 % tal-prodott domestiku gross tal-UE u 11.6 % tal-impjieg kollha tal-UE. Mill-2015, sal-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni Ewropea rrevediet il-prijoritajiet tat-turiżmu tal-UE fil-kuntest ta' strateġiji ta' politika usa', iżda ma sarrfitx dawn il-prijoritajiet fi pjan ta' azzjoni sostantiv biex tappoġġa l-implimentazzjoni tagħhom. Bħala reazzjoni għall-impatt drammatiku tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu tal-UE, il-Kummissjoni ressqet miżuri u proposti biex jittaffa l-impatt ta' din il-kriżi fuq l-industrija tat-turiżmu tal-UE u bdiet azzjoni mmirata lejn l-istabbiliment ta' aġenda dwar it-turiżmu għall-2030.

"Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt drammatiku fuq is-settur tat-turiżmu tal-UE: il-flussi tat-turiżmu u d-dħul mit-turiżmu naqsu drastikament", qal Pietro Russo, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Iżda dan ix-xokk immedjat mhuwiex l-unika sfida li qed jiffaċċja s-settur tat-turiżmu tal-UE. Huwa jrid jiffaċċja sfidi oħra li huma aktar fuq terminu twil u li huma relatati mat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tiegħu, il-kompetittività tiegħu, is-sostenibbiltà tiegħu, u r-reżiljenza tiegħu."

Fejn l-awdituri sabu eżempji ta' finanzjament mill-UE għat-turiżmu li kellu impatt inqas pożittiv milli kien mixtieq, dan kien l-aktar għal kwalunkwe waħda minn tliet raġunijiet: minħabba li l-proġetti li rċewew finanzjament kienu iżolati minn infrastruttura turistika oħra; minħabba li ma kienu sar biżżejjed sforz biex il-proġetti jiġu kkummerċjalizzati b'mod effettiv; jew minħabba li l-infrastruttura appoġġata ntużat primarjament mill-komunità lokali, mhux mill-viżitaturi.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-awdituri sabu l-kwistjonijiet li ġejjin bl-indikaturi użati għall-kejl tas-suċċess tal-proġetti tat-turiżmu ffinanzjati mill-FEŻR: il-leġiżlazzjoni tal-FEŻR għall-perjodu 2014-2020 inkludiet indikatur komuni wieħed tal-output għall-investimenti fit-turiżmu, iżda dan ma ntużax mill-Istati Membri kollha; ma ntuża l-ebda indikatur komuni tar-riżultati matul dak il-perjodu; l-indikaturi tal-output ma jstgħux ikejlu l-kisbiet intenzjonati kollha tal-proġetti.

Biex jirrimedjaw il-kwistjonijiet li identifikaw, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni tistabbilixxi strateġija ġdida għat-turiżmu tal-UE. Huma jirrakkomandaw ukoll li l-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri biex japplikaw proċeduri tal-għażla għall-investimenti fit-turiżmu li huma ffinanzjati mill-FEŻR biex jappoġġaw din l-orjentazzjoni strateġika l-ġdida.

Informazzjoni ġenerali

L-UE għandha rwol komplementari fil-politika tat-turiżmu, billi tappoġġa u tikkoordina l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri. Fil-perjodu 2014-2020, ma kien hemm l-ebda baġit tal-UE li kien iddedikat għat-turiżmu. Il-Kummissjoni Ewropea ddefiniet l-istrateġija attwali għat-turiżmu tal-UE fl-2010, u tista' tappoġġa finanzjarjament it-turiżmu permezz ta' diversi programmi tal-UE. Dan għadu l-każ għall-perjodu 2021-2027.

Ir-Rapport Speċjali Nru 27/2021 *“Appoġġ mill-UE lit-turiżmu: #tiegħa għal orjentazzjoni strateġika ġdida u approċċ ta' finanzjament aħjar”* huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#) bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547

Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502